

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2423**tal-11 ta' Diċembru 2017****dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 2 għad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar is-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija ⁽¹⁾ ("il-Ftehim") għandu li jipromwovi t-tisħiħ kontinwu u ekwilibrat tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn l-Unjoni u t-Turkija, u jistabbilixxi Kunsill ta' Assoċjazzjoni biex jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-iżvilupp b'mod progressiv tal-Assoċjazzjoni.
- (2) Id-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija ⁽²⁾ tistabbilixxi s-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli. Il-Protokoll 2 ta' dik id-Deċiżjoni jinkludi dettalji dwar is-sistema preferenzjali applikabbli għall-importazzjoni lejn it-Turkija ta' prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Unjoni, inkluża sistema preferenzjali għall-importazzjoni ta' laħam iffriżat tal-bovini.
- (3) L-Unjoni u t-Turkija wettqu konsultazzjonijiet u qablu li jemendaw is-sistema preferenzjali applikabbli għall-importazzjoni lejn it-Turkija ta' prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Unjoni, u li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-kwoti tariffarji eżistenti stabbiliti fl-Anness għall-Protokoll 2 għad-Deċiżjoni Nru 1/98 għal-laħam frisk u mkessaħ tal-bovini.
- (4) Skont l-Artikolu 35 tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim ⁽³⁾, il-kamp ta' applikazzjoni tat-trattament preferenzjali li l-Unjoni u t-Turkija jagħtu lil xulxin b'mod reċiproku jista' jiġi emendat b'Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.
- (5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija għandha għaldaqstant tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 2 għad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar is-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2017.

*Għall-Kunsill**Il-President*

S. KIISLER

⁽¹⁾ Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, li ġie ffirmat f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963 (ĠU 217, 29.12.1964, p. 3687).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tal-25 ta' Frar 1998 dwar is-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli (98/223/KE) (ĠU L 86, 20.3.1998, p. 1).

⁽³⁾ Il-Protokoll Addizzjonali ffirmat fit-23 ta' Novembru 1970, anness mal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija (ĠU L 293, 29.12.1972, p. 3).

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru ... TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI TURKIJA**ta' ...****li temenda l-Protokoll 2 għad-Deċiżjoni Nru 1/98 dwar is-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-TURKIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija ⁽¹⁾,Wara li kkunsidra l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 35 tiegħu,

Billi,

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija ⁽³⁾ tistabbilixxi s-sistema preferenzjali applikabbli għall-kummerċ fi prodotti agrikoli bejn l-Unjoni u t-Turkija. Il-Protokoll 2 ta' dik id-Deċiżjoni jinkludi dettalji dwar is-sistema preferenzjali applikabbli għall-importazzjoni lejn it-Turkija ta' prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Unjoni, inkluża sistema preferenzjali għall-importazzjoni ta' laħam iffriżat tal-bovini.
- (2) L-Unjoni u t-Turkija wettqu konsultazzjonijiet u qablu li jemendaw is-sistema preferenzjali applikabbli għall-importazzjoni lejn it-Turkija ta' prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Unjoni, u li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-kwoti tariffarji eżistenti, stabbiliti fl-Anness għall-Protokoll 2 għad-Deċiżjoni Nru 1/98, għal-laħam frisk u mkessaħ tal-bovini.
- (3) Għalhekk, il-Protokoll 2 għad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija għandu jiġi emendat skont dan,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness għall-Protokoll 2 għad-Deċiżjoni Nru 1/98 huwa emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija
Il-President

⁽¹⁾ ĠU UE 217, 29.12.1964, p. 3687.

⁽²⁾ ĠU UE L 293, 29.12.1972, p. 3.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tal-25 ta' Frar 1998 dwar is-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli (98/223/KE) (ĠU UE L 86, 20.3.1998, p. 1).

ANNEX

L-entrati għall-kodiċi NM 0202 20 fl-Anness għall-Protokoll 2 għad-Deċiżjoni Nru 1/98 jinbidlu b'dan li ġej:

"Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Tnaqqis tad-dazju MFN (%)	Kwota tariffarja (piż nett f'tunnellati)
0201 20 0202 20	Qatgħat oħra ta' laħam tal-bovini, bl-għadma, friski jew imkessħa, jew iffriżati	Tnaqqis ta' 50 % b'dazju massimu ta' 30 %	5 000
0201 20 0202 20	Qatgħat oħra ta' laħam tal-bovini, bl-għadma, friski jew imkessħa, jew iffriżati	Tnaqqis ta' 30 % b'dazju massimu ta' 43 %	14 100".